MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1660/2000/1

**ATLAS INSURANCE AGENCY LIMITED** bħala aġenti f’Malta tas-Soċjeta’ AXA Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Ħalmann Industries Limited

vs

**S. MIFSUD & SONS LTD.** aġenti f’Malta ta’ Ignazio Messina & C. S.p.A. armaturi tal-vapur *Jolly Amaranto*

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-7 ta’ Awissu, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi *nomine* talbet li l-Qorti ssib lill-kumpannija mħarrka, fil-kwalita’ tagħha msemmija, responsabbli għall-ħsara li saret lill-merkanzija miġjuba f’Malta mill-assikurat tagħha fuq il-bastiment “*Jolly Amaranto*”, liema ħsara telgħet għas-somma ta’ tmint elef disa’ mija u dsatax-il lira Maltija (Lm 8919) u li tagħha għamlet tajjeb lill-assikurat tagħha

billi ikkumpensatu għal dik il-ħsara, u li tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha dik is-somma bħala danni;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-13 ta' Ottubru, 2000, li biha laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li ma għandha l-ebda responsabbilta' għal dak li ġara għaliex il-bastiment wettaq l-obbligu tiegħu li kien li jwassal il-kontejner sal-port u mhux li jwassal il-merkanzija. Żiedet tgħid li ma kinitx hi li stivat il-merkanzija fil-kontejner, u għalhekk ma tistax taħti hi jekk il-merkanzija ġarrbet ħsara fil-vjaġġ. Ittemm tgħid li l-kontejner tniżżel minn abbord bla ebda rimarki jew riżervi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Novembru, 2000, li bih ħatret lill-Avukat Dottor Christopher Ċilia bħala Assistent Ġudizzjarju biex jiġbor il-provi dwar il-każ, liema ħatra tħassret b'degriet tat-23 ta' Ottubru, 2003, minħabba li l-Avukat Ċilia ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' Assistent Ġudizzjarju u nħatret minfloku l-Avukat Dottor Maria Dolores Gauċi;

Rat ix-xhieda miġbura mill-imsemmija Assistenti Ġudizzjarji;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni minħabba ħsara mġarrba minn merkanzija li kienet qegħda tinġarr fuq bastiment. Il-kumpannija attriċi hija aġent f'Malta tal-kumpannija assikuratriċi ta' kumpannija Maltija li ġabet f'Malta kunsinna ta' rħam li, meta twasslet għand l-assikurata, irriżulta li kienet ġarrbet ħsara bi tkissir. Billi l-kumpannija assikuratriċi għamlet tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-kumpannija importatriċi, il-kumpannija attriċi qegħda tressaq talba kontra l-kumpannija mħarrka biex tiġi

dikjarata responsabbli għall-ħsara mġarrba mill-assikurata u biex tħallasha d-danni mġarrba;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li ma kienet taħti bl-ebda mod skond il-kuntratt tal-ġarr tal-merkanzija u lanqas għall-mod kif il-madum tgħabba u kien stivat fil-kontejner li fih inġarr;

Illi mill-provi mressqin fl-atti tal-kawża jirriżulta li l-merkanzija li tifforma l-mertu tal-azzjoni attriċi waslet f'Malta fid-9 ta' Awissu, 1999, abbord il-bastiment *M.v. Jolly Amaranto*. Il-merkanzija kienet ġo kontejner (Numru LMCU 050332-9) tal-għamla "*open top*" li tgħabba abbord fil-port ta' Ġenova, fl-Italja fil-5 ta' Awissu, 1999, mnejn baħħar il-bastiment. Dwar il-ġarr tagħha nħarġet polza ta' tagħbija dak inhar li ttellgħet fuq il-bastiment[1]. Il-merkanzija li tifforma l-mertu ta' din il-kawża kienet tikkonsisti fi tmien blokok (lastri) ta' rħam li nġabu Malta mill-kumpannija Ħalmann Industries Limited. Dik il-merkanzija kienet assikurata mal-kumpannija attriċi, fil-kwalita' tagħha hawn fuq imfissra. Il-kumpannija mħarrka bagħtet tgħarraf lill-kunsinnatarja bil-wasla tal-merkanzija fil-5 ta' Awissu, 1999[2] (jiġifieri dak inhar li l-vapur beda l-vjaġġ), u l-merkanzija kienet rilaxxata mill-awtoritajiet doganali f'Malta fit-12 ta' Awissu, 1999[3], mix-Xatt tal-Laboratorju fejn kien tniżżel il-kontejner minn abbord. Meta l-merkanzija tniżżlet minn fuq il-bastiment, saret *Tally Sheet*[4], li fuqha ma saru l-ebda rimarki dwar il-kunsinna partikolari. Peress li l-kunsinnatarja rat xi ħsara fil-kontejner meta twassal fil-maħżen tagħha, bagħtet tgħarraf lill-kumpannija attriċi assikuratriċi tagħha. Din bagħtet *surveyor* tagħha li, flimkien ma' rappreżentant imqabbad mill-aġent tal-bastiment, għamlu *joint survey* fit-12 ta' Awissu, 1999[5], qabel mal-merkanzija kienet inħattet minn ġol-kontejner;

[1] Dok "D" f'paġ. 31 tal-proċess
[2] Dok "E", f'paġ. 32 tal-proċess
[3] Dok "Ħ", f'paġ. 35 tal-proċess
[4] Dok "AM", f'paġ. 61 tal-proċess
[5] Dok "A", f'paġġ. 27-8 tal-proċess

Illi fl-1 ta’ Settembru tal-1999[6], il-kunsinnatarja bagħtet tgħarraf lill-kumpannija mħarrka li kienet qegħda żżommha responsabbli għad-danni u biex tagħmel tajjeb għall-ħsara. Il-kumpannija mħarrka ikkummissjonat rapport minn ditta ta’ *surveyors* maħturin minnha[7]. Il-ħsara fil-merkanzija tqieset bħala waħda totali billi l-blokok kollha tal-irħam kienu, fi grad jew ieħor, b’xi ħsara fihom. Din il-ħsara tqieset fis-somma ta’ Lit. 38,500,000, li kien il-prezz fatturat tal-kunsinna[8], u l-kumpannija attriċi offriet kumpens lill-kunsinnatarja assikurata fis-somma ta’ Lm 8919, li tirrappreżenta l-import tal-kunsinna bi tnaqqis ta’ għaxra fil-mija (10%) bħala *salvage*[9]. F’Novembru, l-kumpannija attriċi assikuratriċi għamlet tajjeb għal din il-ħsara u ħallset lill-importatriċi assikurata, li, min-naħa tagħha, issurrogatha fil-jeddijiet tagħha[10]. Il-kawża nfetħet fis-7 ta’ Awissu, 2000;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta’ natura legali marbutin mal-każ</u>, dawn iduru b’mod partikolari mal-kwestjoni tar-responsabbilta’ għall-ħsarat reklamati mill-assikurat tal-kumpannija attriċi. Ma jidhirx kontestat li, bħala fatt, xi ħsarat kien hemm. Lanqas ma ġie kontestat l-ammont ta’ kumpens imħallas lilll-kunsinnatarja biex tagħmel tajjeb għat-telf imġarrab jew dwar kemm kien l-import fatturat tal-istess kunsinna. Il-kwestjoni li dwarha l-partijiet baqgħu ma waslux fi qbil hija li l-kumpannija mħarrka tiċħad li hija għandha twieġeb għal dak li ġara lill-merkanzija;

Illi l-Qorti tqis li l-kumpannija mħarrka tistrieħ fuq żewġ argumenti fid-difiża tagħha biex twarrab minn fuqha r-responsabbilta’ tal-ħsara li irriżultat: L-ewwel argument hu li (a) bħala vettural, kienet responsabbli li twassal il-kontejner fil-port ta’ Malta u mhux responsabbli li twassal lill-merkanzija u billi l-kontejner kien stivat mill-karikaturi (*shippers*) u mhux minnha, ma jkunx ħtija tagħha jekk il-merkanzija ġralha xi ħsara waqt il-vjaġġ; it-tieni argument hu li (b) li hija ma setgħetx tkun miżmuma responsabbli

[6] Dokti “I” f’paġ. 36 tal-proċess
[7] Dok “AM1”, f’paġġ. 62-4 tal-proċess
[8] Dok “Ċ”, f’paġ. 30 tal-proċess
[9] Dok “J”, f’paġ. 37 tal-proċess
[10] Dok “B”, f’paġ. 29 tal-proċess

għall-kundizzjoni tal-merkanzija meta ttellgħet abbord għaliex ma kinitx f'qagħda li teżaminaha qabel beda l-vjaġġ;

Illi **dwar l-ewwel argument**, il-Qorti ssibha diffiċli tifhem kif il-kumpannija mħarrka trid donnha tgħid li, f'kuntratt ta' ġarr ta' merkanzija, ir-responsabbilta' tal-bastiment torbot biss mal-kontenitur jew kontejner li fih tinġarr il-merkanzija u mhux ukoll mal-merkanzija nnifisha. Il-polza ta' tagħbija li rabtet f'kuntratt lill-bastiment mal-partijiet l-oħrajn interessati fil-ġarr tal-merkanzija kien jirreferi għall-istess merkanzija u mhux għall-kontejner. Huwa minnu li, fuq il-polza ta' tagħbija mertu tal-każ, ġie reġistrat li l-merkanzija kienet issiġillata mill-karikatur. Iżda dan bl-ebda mod ma jfisser li b'daqshekk biss il-bastiment kien meħlus minn kull responsabbilta' għal dak li seta' jiġrilha l-merkanzija matul il-vjaġġ. Dwar dan l-aspett ta' responsabbilta' għall-vetural jew il-bastiment, l-awturi jisħqu li "(w)*e might derive some guidance from the consideration that the immunities granted to the carrier under the Hague Rules concern only the transport and not the storekeeper aspect of the carriage. In principle, therefore, no act, neglect, or default can be covered by this clause*[11] *unless it is one touching solely the safety of the ship, and not directly or indirectly the preservation of the cargo*[12];

Illi dan kollu jingħad ukoll fil-qafas tal-prinċipju ġenerali li l-vettural, bħala depożitarju tal-merkanzija li jkun intalab iġorr, huwa responsabbli li jikkonsenja l-merkanzija bla ħsara lid-destinatarju jew lil min sejjer jilqagħha f'ismu[13];

Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, u fin-nuqqas assolut tal-kumpannija mħarrka li turi (għaliex il-piż tal-prova jaqa' fuqha biex turi li kien hemm xi ċirkostanza eżoneranti) li ma kellhiex tinżamm responsabbli għall-ġarr tal-merkanzija, il-Qorti ssib li ma tistax tilqa' din il-parti tal-ewwel argument tal-kumpannija mħarrka;

---

[11] Ir-riferenza hawnhekk hija għall-Art IV(2)(a) tal-Hague/Visby Rules
[12] Chorley & Giles <u>*Shipping Law*</u> (6th. Edit., 1977), paġ. 137
[13] P.A. TM **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs James Gollcher et noe***

Illi, għar-rigward tal-istess argument fejn il-kumpannija mħarrka tgħid li ma taħtix għall-ħsara li setgħet seħħet matul il-vjaġġ ladarba l-kontejner b'li kien fih tgħabba u kien stivat mill-karikatur, il-Qorti hija tal-fehma li lanqas dan l-argument ma għandu mis-sewwa. Dan jingħad għaliex, fejn jidħol l-istivar abbord tal-bastiment, huwa l-kaptan – rappreżentant tal-bastiment innifsu u tas-sidien tiegħu – li huwa prinċipalment responsabbli biex juża l-ħila, is-setgħat u s-sengħa tiegħu kollha biex jaċċerta li kemm jista' jkun il-merkanzija mtellgħa abbord titqiegħed b'mod li ma jiġrilhiex ħsara tul il-vjaġġ[14]. Hu meqjus saħansitra li din ir-responsabbilta' ma titħassarx lanqas jekk fuq il-polza ta' tagħbija titniżżel klawsola li teżenta lill-bastiment mir-responsabbilta' mqar fi stivar traskurat[15]. Jinsab stabilit fid-dritt li din l-obbligazzjoni tas-sid tal-bastiment jew tal-kaptan li jirrappreżentah "*implies a continuous obligation on the carrier running from 'tackle to tackle', i.e. from the commencement of loading to the completion of discharge. This presupposes that the carrier has undertaken to load and discharge the cargo .... and the fact that the shipper undertakes to perform the loading and discharging operations free of expense to the carrier does not raise the presumption that the carrier is therby relieved of liability for their proper performance*"[16]. Din il-fehma toħroġ ukoll f'każijiet maqtugħa mill-Qrati tagħna[17];

Illi huwa minnu li din ir-regola hija suġġetta – fi kliem l-istess Konvenzjoni tal-1924 u l-Protokoll ta' Brussell tal-1968 – għall-eżenzjonijiet dwar responsabbilta' maħsuba band'oħra fl-istess Konvenzjoni[18], iżda hija l-fehma prevalenti li, ladarba s-sid tal-merkanzija jseħħlu juri li l-merkanzija ġarrbet ħsara waqt il-vjaġġ u wara li tkun tgħabbiet fuq il-bastiment, il-piż tal-prova li l-ħsara kienet seħħet minħabba xi waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba biex jeħilsu lill-bastiment mir-responsabbilta' jaqa' fuq sid il-

[14] Art. III(2) tal-Hague/Visby Rules
[15] Kumm. **9.12.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Theuma noe vs Smith noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.iii.485**)
[16] John F Wilson Carriage of Goods by Sea (5th. Edit, 2004), paġ. 193
[17] Ara, per eżempju, P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr.Giovanni Griscti noe vs John Parnis England noe et***
[18] Ara Art. IV(2) tal-Hague/Visby Rules

bastiment jew l-aġent tiegħu. Jekk kemm-il darba jonqos li jagħmel dan kif imiss, jitqies responsabbli[19];

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel eċċezzjoni ma jistħoqqilhiex tintlaqa';

Illi **dwar it-tieni linja ta' difiża**, jidher li l-kumpannija mħarrka qegħda tistrieħ fuq il-fatt li l-polza ta' tagħbija fiha r-rimarka "*said to contain*". Bis-saħħa ta' dan, tislet l-argument li ma kellha l-ebda kontroll fuq x'tgħabba tassew ġol-kontejner u lanqas fuq il-kundizzjoni tiegħu[20];

Illi l-fatt li fuq polza ta' tagħbija titniżżel il-klawsola "*said to contain*", ma jwassalx b'daqshekk biex wieħed jifhem li l-vettural jew il-kaptan li jkun ħareġ l-istess polza m'għandux għalfejn juża l-għaqal u l-ħila tiegħu li jwassal il-merkanzija bla ħsara fil-port tad-destinazzjoni. Lanqas ma tagħtih il-jedd li jittraskura jew iserraħ moħħu li hu jkun serva biss bħala mezz ta' trasport ta' dak li jista' jkun hemm fil-kontenitur jew kontejner li jkun. Dan jingħad ukoll jekk kemm-il darba l-polza ma jkollhiex klawsola "*received in good order and condition*" jew "*clean on board*". Iżda wieħed jifhem ukoll li fejn ma jkunx hemm klawsoli bħal dawn, jaqa' fuq il-kunsinnatarju jew riċevitur aħħari li juri li l-merkanzija tgħabbiet f'kundizzjoni tajba[21], aktar u aktar jekk il-vettural jew il-kaptan ma kienx imdaħħal fit-tagħbija u l-istivar;

Illi, fil-qofol, is-siwi tal-klawsola "*said to contain*" teħles lill-vettural jew lill-kaptan mir-responsabbilta' biss dwar **l-għadd jew kwantita'** tal-merkanzija li tkun tgħabbiet bla ma setgħet tiġi minnu magħduda jew kostatata minn dak l-għadd jew dik il-kwantita' li tissemma' fil-polza[22]. Iżda dik il-klawsola ma teħlisx ukoll mir-responsabbilta' dwar **il-kwalita' u l-istat** li l-istess merkanzija tkun ittellgħet fih abbord;

---

[19] App.Kumm.**19.2.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.377**)
[20] Ara x-xhieda ta' Adrian Mifsud 22.11.2004, f'paġġ. 66-7 tal-proċess
[21] App.Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance Agency Ltd. vs Gollcher Co. Ltd.***
[22] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Simon Micallef Stafraċe noe et vs John Ripard et noe***

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ma jista' jkun fadal l-ebda dubju li l-għadd ta' blokok tal-irħam li ntbagħtu mingħand id-ditta speditriċi lill-kunsinnatarja assikurata tal-kumpannija attriċi kienu tmienja (8). Dan jirriżulta kemm mill-fattura, kemm mill-polza ta' kariku u kif ukoll mir-rapporti tas-*surveyors*. Dawn huma tliet dokumenti li jkopru l-firxa kollha tal-ġarr tal-merkanzija, jiġifieri mit-tluq tagħhom mill-ispeditur sal-wasla tagħhom għand il-kumpannija riċevitriċi. Il-Qorti jidhrilha li l-kumpannija attriċi (kif surrogata fil-jeddijiet tal-assikurata tagħha) seħħilha turi li l-merkanzija telqet biex titgħabba kienet tali li "*le merci sono di origine preferenziale*"[23]. Minn dan, il-Qorti tifhem li l-merkanzija kienet magħżula b'reqqa u mibgħuta fi kwalita' aktar minn tajba. L-kumpannija mħarrka ma meriet bl-ebda mod dik id-dikjarazzjoni li, għall-Qorti, tfisser li l-kumpannija attriċi seħħilha turi li l-merkanzija mibgħuta kienet f'kundizzjoni tajba;

Illi dan ifisser li, ladarba l-kunsinnatarju jew riċevitur seħħlu juri li l-merkanzija tgħabbiet f'kundizzjoni tajba, il-vettural jew rappreżentant tal-bastiment taqa' fuqu r-responsabbilta' li juri li ma kienx jaħti għall-ħsara li tkun ġarrbet il-merkanzija meta din tasal fid-destinazzjoni tagħha;

Illi bil-liġi[24] il-polza ta' tagħbija tagħmel prova bejn il-partijiet kollha interessati fit-tagħbija, kif ukoll bejniethom u l-assikuraturi, bla ħsara tal-prova kuntrarja. Issa meta l-merkanzija tittella' fuq bastiment bla kummenti dwar il-kundizzjoni tagħha, wieħed jassumi li din tkun ittellgħet f'kundizzjoni tajba u li f'dik il-kundizzjoni trid titwassal lid-destinatarju. Biex titwaqqa' dik il-preżunzjoni, jaqa' fuq il-vettural jew il-bastiment (permezz tal-aġent tiegħu) li juri l-kontra ta' dak li jitniżżel fil-polza, fin-nuqqas ta' liema prova titnissel ir-responsabbilta' li jwassal il-merkanzija tajba kif għabbiha[25];

Illi f'każijiet bħal dawn l-istħarriġ tal-pretensjonijiet attriċi jiddependi wisq minn kemm id-dokumenti li jixhdu l-ġrajja

---

[23] Ara Dok "Ċ", f'paġ. 30 tal-proċess
[24] Art. 325 tal-Kap 13
[25] App.Inf. **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Insurance Agency Ltd. vs Parnis England Trucking Ltd.***

tat-traġitt għandhom jitwemmnu. Dan jingħad għaliex dawk id-dokumenti, ġeneralment, ikunu saru fil-ħin tal-ġrajja partikolari u jkunu għalhekk mistennija li jservu bħala dokumentarju ta' dawk il-ġrajja[26]. Kif ingħad b'awtorita' kostanti[27], it-tiftix għar-responsabbilta' f'każijiet ta' *claims* dwar merkanzija tintrabat ma' żewġ waqtiet fokali: L-ewwel huwa dak il-waqt meta l-merkanzija tinħatt minn fuq il-bastiment (liema operazzjoni tiġi normalment riflessa fit-*tally sheet*) u t-tieni waqt huwa dak meta l-merkanzija tinħeles favur l-importatur jew destinatarju tal-merkanzija (liema operazzjoni tiġi normalment riflessa fil-*Gate Pass-out*);

Illi l-imsemmija dokumenti jagħmlu prova qawwija u ta' min joqgħod fuqha ta' dak li jgħidu, imma hija prova *juris tantum* u mhux irribattibbli[28] li tista' titwaqqa' biss bi provi oħrajn daqstant qawwija. Għalhekk, dawn id-dokumenti ma jistgħux jitwarrbu fuq sempliċi konġettura, jew taħt l-iskuża li jkunu saru b'għaġġla u nuqqas ta' reqqa[29], jew bi provi li jitnisslu wara ż-żmien li għalihom dawk id-dokumenti jirreferu[30]. Fuq kollox, l-imsemmija dokumenti iridu jkunu mera tal-proċess tal-ġarr tal-merkanzija li għalih jirreferu u jippruvaw, għalhekk, l-istat ta' dik il-merkanzija f'kull waqt determinanti tal-vjaġġ sal-konsenja lill-importatur[31];

Illi fil-każ tal-lum saret biss[32] *tally sheet* malli l-kontejner tniżżel minn fuq il-bastiment. Il-kontejner baqa' issiġillat u tħalla fuq il-moll sa ma tlitt ijiem wara kien rilaxxat. Dik it-*tally sheet* kient waħda konġunta, li ma ntagħmlet fiha l-ebda rimarka dwar xi ħsara jew nuqqas fil-merkanzija li kien fih. L-istess dokument, minbarra li jġib il-firma tar-rappreżentant tal-armatur tal-bastiment, fih il-firma wkoll ta' rappreżentant tal-kumpannija (illi mhix parti fil-kawża) li

---

[26] App. Kumm. **6.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***David Curmi noe Carmel Mallia et noe***
[27] Ara, per eżempju, P.A. PS **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Micallef Stafraċe noe vs Godwin Abela et noe*** fost l-oħrajn.
[28] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Galdes noe et vs Godwin Abela noe et***
[29] App. Ċiv. **12.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. noe vs SeaMalta Co Ltd. et***
[30] App. Kumm. **20.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt noe vs Sciberras noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.903**)
[31] App. Ċiv. **19.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Giovanni Griscti noe vs John Cooper noe et*** (mhix pubblikata)
[32] Dan qiegħed jingħad għaliex ma tressqet l-ebda xhieda tal-*Gate Pass Out* li setgħet intagħmlet meta l-merkanzija ħarġet mill-moll

żammet il-kontejner sakemm dan inħeles mill-awtoritajiet doganali Maltin. Biex jiġi eliminat kull addebitu, ma jissemma minn ħadd li l-merkanzija setgħet ġarrbet xi ħsara fil-ftit jiem li damet miżmuma fuq il-moll, ukoll minħabba li ma jidhirx li l-kontejner tħarrek minn fejn tniżżel jew li tniżżel b'mod li sata' ġab miegħu ħsara għall-kontenut;

Illi, min-naħa l-oħra, mir-rapport tas-*surveyors* imqabbdin mill-kumpannija mħarrka joħroġ li l-ħsara lill-blokok tal-irħam ġrat minħabba li l-merkanzija nqalbet b'qawwa fuq ġenbha b'mod li l-istivar inħatt u l-kavalletti li kienu jirfduha u jżommuha f'postha tħarrku u tfarrku[33]. Fil-fehma tal-Qorti, dan jixhed ħsara li seħħet matul il-vjaġġ tal-bastiment. Fuq il-bażi ta' din il-konklużjoni, l-Qorti ssib li kien jaqa' fuq il-kumpannija mħarrka li tressaq provi li jwaqqgħu bi provi xierqa r-responsabbilta' essenzjali tagħha f'ċirkostanza bħal din;

Illi l-kumpannija mħarrka ma għamlet xejn minn dan. Jidher li ttieħdu wkoll ritratti meta sar is-*survey*, iżda l-kumpannija mħarrka ma ressqitx kopja tagħhom fl-atti. Ma hemmx dubju li jekk dawn kienu juru prodott skadut jew xi ċirkostanza li tneħħi r-responsabbilta' minn fuq il-prinċipal tagħha, kienet tagħmel dan bla ebda tnikkir. Ladarba ma ġabitx provi li jeħilsuha mill-ħtija, kif fuq imfisser, hija jkollha terfa' l-konsekwenzi ta' din l-għażla tagħha;

Illi, mill-bqija, għar-rigward tal-ammont ta' ħsara li tagħha l-kumpannija attriċi għamlet tajjeb lill-assikurat tagħha għat-tiswija tal-ħsarat riskontrati, ma jidher li hemm l-ebda kontestazzjoni u l-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba attriċi f'dak ir-rigward;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-kumpannija mħarrka taħti għall-ħsarat imġarrba fit-tmien (8) blokok ta'

[33] Ara Dok "MA1", f'paġ. 63 tal-proċess

rħam li tniżżlu minn fuq il-bastiment *M.v. Jolly Amaranto* fid-9 ta' Awissu, 1999, liema ħsara l-kumpannija attriċi assikuratriċi għamlet tajjeb mar-riċevitur assikurat tagħha;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tillikwida d-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi fis-somma ta' tmint elef disa' mija u dsatax-il lira Maltija (Lm 8919);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' Lm 8919 bħala danni likwidati kif fuq ingħad;

U tordna li l-istess kumpannija mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------